# Beati u Qaddisin ...Frar

10 ta' Frar   Nawfragju ta' San Pawl

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli (27, 16 - 28, 6)

F'dak Iz-zmien: b'girja wahda ghaddejna taht ir-rih ta' daqsxejn ta' gzira jisimha Kawda. Bilkemm stajna nzommu d-dghajsa warajna, u ghalhekk tellghuha mill-bahar. Imbaghad qabdu l-armar u rabtu l-gifen dawramejt bic-cimi, nizzlu l-qlugh u l-arbli, ghax bezghu li ninkaljaw fuq is-Sirti, u hekk hallejna l-mewg ikaxkarna mieghu. Il-ghada t-tempesta habbtitna hafna, bdew iwaddbu t-taghbija l-bahar,u fit-tielet jum irmew il-parank tal-gifen b'idejhom stess. Ghal hafna jiem la dehret xemx u lanqas kwiekeb, it-tempesta li laqtitni ma kinitx hafifa, hekk li fl-ahar tlifna kull tama li nsalvaw. In-nies kienu ilhom hafna ma iehdu xi haga biex jitrejqu; Pawlu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Hbieb, kien imisskom smajtu minni u ma tlaqtux minn Kreta; kontu tehilsu minn din il-hsara u t-telf. Imma issa nwissikom biex taghmlu l-qalb, ghax hadd minnkom mhu se jitlef hajtu: il-gifen biss jintilef.



Ghax dal-lejl deherli anglu ta' dak Alla li tieghu jien u li lilu nqim, u qalli, "Tibzax, Pawlu. Jehtieg li inti tidher quddiem ¬esari; ara, Alla tak il-hajja ta' dawk kollha li qeghdin jivjaggaw mieghek. Mela qawwu qalbkom, hbieb. Jien nemmen f'Alla li hekk isir, sewwa sew kif thabbar lili. Jehtieg izda li nahbtu ma' gzira."

Meta wasal l-erbatax-il lejl, konna ninsabu mitfughin 'l hawn u 'l hemm fil-bahar ta' Adrja. Ghall-habta ta' nofs il-lejl il-bahrin hassew li konna resqin qrib xi art. Skandaljaw il-gholi tal-bahar, u sabu ghoxrin qama, imxejna ftit iehor 'il quddiem regghu skandaljaw, u sabu hmistax. Huma bezghu li xi mkien se nahbtu ma' xi sikka, u ghalhekk nizzlu erba' ankri mill-poppa. Ix-xewqa taghhom kienet li ma jdumx ma jisbah. Il-bahrin bdew ifittxu li jaharbu mill-gifen, u nizzlu d-dghajsa l-bahar bhallikieku biex idendlu xi ankri mill-pruwa.

Izda Pawlu qal lic-centurjun u lis-suldati: "Jekk dawn ma jibqghux fuq il-gifen, intom ma tistghux issalvaw." Imbaghad is-suldati qa``tu l-hbula tad-dghajsa u hallewha tmur ghal rihha. Meta sar il-hin biex jisbah, Pawlu qabad ihajjarhom ilkoll biex jitrejqu b'xi haga, u qalilhom: "Issa ga ilkom erbatax-il gurnata tistennew sajmin u ma dduqu xejn. Ghalhekk inhajjarkom tiehdu xi haga ta' l-ikel, u jwetikom f'sahhitkom, ghax hadd minnkom mhi se tintiliflu xaghara wahda minn rasu". Kif qal dan, qabad il-hobz, radd il-hajr 'l Alla quddiem kulhadd qasam u beda jiekol. Imbaghad kulhadd ghamel il-qalb u hadu xi haga ta' l-ikel huma wkoll.

Konna b'kollox mitejn u sitta u sebghin ruh fuq il-gifen. Wara li xebghu, bdew iheffu l-gifen u jwaddbu l-qamh il-bahar. Meta mbaghad sebah, l-art ma gharfuhiex, lemhu biss bajja bi xtajta fiha, u qatghuha li, jekk jista' jkun, jitfghu l-gifen fuqha. Irhew l-ankri u telquhom il-bahar, u hallew ukoll l-irbit tat-tmun. Imbaghad tellghu l-qala tat-trinkett ghar-rih u hadu ghax-xtajta. Izda hbatna ma' sikka, li kellha l-bahar miz-zewg nahatt. Il-pruwa baqghet imwahhla sewwa fil-post u ma tharrkitx Izjed, imma l-poppa bdiet titfarrak bil-qilla tal-mewg. Is-suldati riedu kieku joqtlu l-prigunieri, li ma jahrabx xi hadd minnhom bil-ghawm; izda `-`enrurjun, li ried isalva 'l Pawlu, ma halliex il-hsieb taghhom isehh. Lil dawk li kienu jafu jghumu ordnalhom jintefghu huma l-ewwel il-bahar u jmorru l-art; lill-ohrajn ordnalhom jilhqu x-xatt min fuq twavel u minn fuq b`ejjen imkissra tal-gifen. U hekk kulhadd qabad l-art qawwi u shih.

Meta hlisna mill-gharqa, sirna nafu li l-gzira kien jisimha Malta. In-nies taghha giebu ruhhom maghna bi hlewwa liema bhalha. Laqghuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna huggiega, ghax kienet bdiet niezla x-xita u kien il-bard. Mela Pawlu gabar qatta zkuk niexfa u tefaghhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgha li malli hasset is-shana, harget u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gzira, kif raw il-lifgha mdendla ma' idu, bdew ighidu wiehed lill-iehor: "Dar-ragel zgur xi qattiel, ghax ghad li helisha mill-bahar, il-gustizzja ma hallitux ighix! "Imma hu farfar il-lifgha gon-nar u ma gralu xejn. Huma stennew li se jarawh jintefah jew jaqa' u jmut f'daqqa. Wara li damu jistennew hafna u raw li ma gralu ebda deni, biddlu l-hsieb u bdew ighidu li kien xi Alla.